Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Mario Bonello)

vs

David Sciberras

Illum 25 ta' April, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi David Sciberras iben Paul u Mary nee Depares, imwieled Pieta fit-8 ta' Ottubru, 1965 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 490365(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-23 ta' Gunju 2001 ghall-habta tal-04.00 ta' filghaxija waqt li kien gewwa l-Isptar Monte Carmeli, Attard, hebb ghall-nurse Alfred Scerri u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. A.J. Fenech M.D. ta' l-Isptar San Luqa ;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Alfred Scerri persuna inkarrigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi tipprovdi ghas-sigurta' ta' Alfred Scerri billi torbot lill-imsemmi David Sciberras b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lill-imputat debitament assistit iwiegeb illi kien hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dan waqt is-seduta tat-2 ta' April, 2002 u waqt illi kienu qeghdin

isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha fuq imsemmija issib lill-istess imputat **hati** ta’ dawn l-imputazzjonijiet u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 339(1)(d), 221(1) u l-Artikolu 96 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu, kif ukoll id-dikjarazzjoni kemm tal-Avukat difensur, kif ukoll tal-Ufficjal Prosekutur, illi l-imputat fuq imsemmi fiz-zmien illi ikkommetta r-reat in kwistjoni kien qieghed ibaghti minn problemi psikologici ta’ natura serja, kien waqa f’dipressjoni u kien ukoll qieghed ibaghti mill-problema tax-xorb. Fiz-zmien in kwistjoni kien ukoll rikoverat l-isptar Monte Carmeli fejn kien qieghed jinghata l-kura u kien proprju hemm hekk illi gara l-incident in kwistjoni.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi Alfred Scerri hafer lill-imputat ta’ dak kollu illi gara. L-imputat da parti tieghu kellu

apologija ghal dak illi kien ghamel. Il-Qorti semghet ukoll lil Alfred Scerri jiddikjara illi dejjem kien u ghadu hbieb mal-imputat fuq imsemmi sal-gurnata tal-lum.

Il-Qorti semghet ukoll lil Michael Gatt, enrolled nurse f'Monte Carmel Hospital, illi iddikjara illi l-imputat fil-prezent qieghed fil-'ward' tieghu u irriabilita ruhu sew miz-zmien illi ikkommetta r-reati in kwistjoni sal-gurnata tal-lum.

Illi dawn il-fatti gew ukoll kollha ikkonfermati mill-Ufficjal Prosekutur.

Illi irrizulta wkoll illi l-imputat fuq imsemmi ghadu qieghed jinghata l-kura kollha mehtiega fl-isptar Monte Carmeli fejn qeghdin jippruvaw jghinuh ukoll sabiex isib xoghol.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti certament ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali illi l-imputat jibqa sejjer fit-triq it-tajba illi

jidher illi qabad u ghaldaqstant wara illi rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tillibera lill-imputat, tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment ukoll il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati bl-obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira (LM100) ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Alfred Scerri.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur